18 ta' Ottubru, 1952.
Imħallef :—
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Il-Pulizija *versus* Angelo Grima

**Provi — Rogatorji — Art. 411 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Biex tkun ammissibili, il-prova per mezz ta' ittri rogatorjali hemm bżonn li tkun rilevanti, indispensabili, u tali li skond il-liġi tista' ssir.*

*Dina l-prova tista' ssir anki f'kawżi quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Gudikatura; u għalhekk, meta jirrikorri l-element tar-rilevanza u dak ta' l-indispensabilità, it-talba għal din il-prova għandha tiġi milqugħa anki quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Gudikatura Kriminali.*

Il-Qorti — Fuq l-inċident tar-rogatorji;

Wara li eżaminat l-inkartament;

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet proċesswali jidher illi fl-14 ta' Frar 1949 (fol. 3) ġie konċess lill-imputat permess ta' esportazzjoni ta' żiemel, taħt il-kondizzjoni li ma kellux ikun hemm ebda pagament, peress li ż-żiemel kien qiegħed jiġi mibgħut Tunes ħalli jieħu parti f'tiġrija u kellu jerġa' jinġieb lura fi żmien erba' xhur;

Fil-fatt, iż-żiemel ma nġiebx lura. Għalhekk, peress li

l-Gvern irritjena miksura dawk il-kondizzjonijiet, u kwindi rritjena li l-esportazzjoni taż-żiemet kienet daqs kieku saret bla permess, inħarġet ċitazzjoni kontra l-imputat talli esporta dan iż-żiemel bla permess, u bla ma wera skond il-liġi li l-ħlas tal-prezz sar, jew kellu jsir, lil persuna li tgħammar f'Malta. Bħala mezz ta' difiża l-imputat irid japprova li ż-żiemel ma nġiebx lura Malta għax marad, u mbagħad miet f'Tunes;

Biex japprova dawn l-allegazzjonijiet tiegħu, l-imputat talab quddiem il-Qorti t'Isfel (li ċaħditlu t-talba), u issa reġa' talab quddiem din il-Qorti, li din il-prova ssir bil-mezz ta' kummissjoni rogatorjali f'Tunes skond l-interrogatorji minnu preżentati;

Il-Prosekuzzjoni opponiet din it-talba, u għalhekk din il-Qorti hi issa msejħa tiddeċidi preliminarment jekk il-prova rogatorjali mitluba mill-imputat hijiex ammissibbli;

Biex tkun ammissibbli, jinħtieġ li tkun (1) rilevanti, (2) indispensabbli, (3) u tali li skond il-liġi tista' ssir;

In linea ta' massima jista' jingħad li huma rilevanti l-"facts in issue" u l-"facts relevant to the issue" (apparti "any facts, whether relevant to the issue or not, which affect the legal reception or weight of the evidence tendered" — ara Philips "on Evidence", 8th edition 1942, page 47). Issa hu ċar li, in kwantu jispjega l-għaliex iż-żiemel ma nġiebx lura fiż-żmien impost, il-fatt li jrid japprova l-imputat hu fatt "relevant to the issue", ġaladarba l-"issue" hi bażata fuq il-fatt li ż-żiemel ma nġiebx lura fiż-żmien preskritt fil-permess. Li Stephen, fid-Digest tiegħu (note VI), fost ir-"rules tar-"relevancy", kien enumera r-"rule" li l-fatt li wieħed irid jipprova jkun il-kawża tal-fatt l-ieħor "in issue". Issa, il-fatt li l-imputat irid jipprova (ċjoè li ż-żiemel ma nġiebx lura għax marad u miet) kien, skond it-teżi defensjonali, il-kawża tal-"fact in issue", ċjoè li ż-żiemel ma nġiebx, u li kwindi nfetaħ lok għall-imputazzjoni odjerna. Ma jistax jingħad "a priori", kif qegħda tgħid il-Prosekuzzjoni, illi dan il-fatt, li l-imputat irid jipprova, kien posterjuri għall-iskadenza tat-terminu. Il-mewt taż-żiemel kienet posterjuri, imma l-marda wieħed ma jistax igħid jekk kienetx posterjuri jew le, qabel

ma jkun hemm l-eżitu tar-rogatorji. Jekk il-marda bdiet qabel l-egħluq tat-terminu, u minn dak iż-żmien ġiebet impediment li ż-żiemel jinġieb lura, allura l-prova (salv l-apprezzament tagħha' fil-meritu) hi rilevanti;

Kwantu għall-indispensabbiltà, fin-nota tagħha l-Prosekuzzjoni ma jidherx li esponiet nozzjoni korretta ta' dak li hemm bżonn jirrikorri biex il-prova, f'każijiet ta' rogatorji, tista' tissejjaħ indispensabbli. Hu ormai "jus receptum" il-prinċipju, stabbilit mill-Prim Imħallef Sir Vincent Frendo Azzopardi fil-kawża "Rex vs. Dalli", 4 ta' Mejju 1916, Q. Krim. (Vol. XXIII-I-1016), illi l-prova hija indispensabbli meta ma tistax issir "aliunde" bil-mezzi ordinarji, u jinħtieġ għalhekk li ssir b'mezz straordinarju. Issa, hu ovvju f'dan il-każ li l-prova dwar l-istat ta' saħħa taż-żiemel tista', fiċ-ċirkustanzi tal-każ, issir biss mix-xhieda ndizjati għar-rogatorji, u mhux minn xhieda li qegħdin hawn Malta; u f'dan is-sens il-prova hija ndispensabbli;

Kwantu għall-ammisibilità, il-Prosekuzzjoni qiegħda ssostni li fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġisstrati bħala Qorti ta' Ġudikatura x-xhieda permezz ta' ittri rogatorjali ma humiex ammessi. Ir-raġunamenti tal-Prosekuzzjoni, kif jidher mill-iskrittura fol. 14, huma sostanzjalment dawn: l-art. 411 tal-Kodiċi Kriminali jirriferixxi biss għax-xhieda permezz ta' rogatorji fil-proċeduri tal-Qorti Istruttorja, u ma hemm ebda dispożizzjoni li testendi dik il-proċedura għall-Qorti ta' Ġudikatura, u l-proċedura kumplessa tar-rogatorji ma taqbelx mal-karattru sommarju tal-Qorti ta' Ġudikatura;

L-ewwel raġuni ma tantx hija konvinċenti. Hu risaput illi l-liġi kienet wisq ġeluża illi l-kumpilazzjoni tispiċċa kemm jista' jkun malajr, tant illi, b'eċċezzjoni għal każijiet oħra, il-leġislatur segwa t-trieq straordinarja li jipprefiġġi terminu li fih għandha tispiċċa l-istess kumpilazzjoni, u qal li għandha tiġi konkjuża fi żmien għaxart ijiem. (art. 413 Kap. 12), u pprovda wkoll, eċċezzjonalment, li dan it-terminu jista' jiġi estiż biss mill-Gvernatur. Kien preżumibilment għalhekk li l-leġislatur ħass in-neċessità li jgħid, a propożitu tal-kumpilazzjonijiet, li huma ammessi fihom ir-rogatorji; għaliex kieku ma għamelx hekk, allura wieħed kien ikun kostrett jgħid li,

ġaladarba l-kumpilazzjoni għandha tiġi konkjuża fi żmien għaxart ijiem, allura r-rogatorji huma assolutament fwori kwistjoni. Tant hu hekk illi, fl-art. 414 (c), il-leġislatur kompla jgħid li l-fatt tal-pendenza ta' l-eżami rogatorjali jopera bħala kawża tas-sospensjoni tat-terminu ta' għaxart ijiem. Fil-proċeduri kriminali l-oħra ma kienx hemm din in-neċessità, għaliex, la għar-rigward ta' kawżi ta' kompetenza tal-Qorti ta' Gudikatura, u anqas għar-rigward ta' kawżi ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, ma hemm impost ebda terminu għall-konklużjoni tagħhom. Konsegwentement, ladarba kien hemm din ir-raġuni speċjali li ispirat l-art. 411, għalhekk ma jistax joħroġ minnha l-argument "inclusio unius fit exclusio alterius";

*Din l-interpretazzjoni tal-Qorti hi konfermata bl-istudju* eżeġetiku ta' din il-materja. Fil-liġi antika (Proklama no. XXII *ta'* l-1814, *Government* Gazette p. 57) il-kumpilazzjoni kellha *tispiċċa fi żmien għaxart ijiem*, b'dan illi, jekk titwal aktar, allura l-imputat, għamel x'għamel, kien x'kien id-delitt, kien *jiġi liberat mill-arrest*. Kwantu għall-kawżi ta' kompetenza tal-Maġistrat, dawn ukoll kellhom jispiċċaw b'assoluzzjoni jew kundanna fi żmien għaxart ijiem (ara l-istess Proklama, p. 60 Govt. Gazette). Għalhekk meta l-leġislatur li għamel il-Kodiċi odjern ġie għal din il-materja, sab li l-pożizzjoni kellha tkun din: kwantu għall-kumpilazzjonijiet, għalkemm it-terminu kien sejjer jibqa', kien hemm bżonn li tiġi awtorizzata s-sospensjoni tiegħu f'ċerti każijiet, biex ma jkunx hemm lok għal inkonvenjenti, u għalhekk issemmiet espressament ir-raġuni tar-rogatorji; kwantu għall-kawżi l-oħra ta' kompetenza tal-Maġistrat, peress li t-terminu ta' għaxart ijiem li fihom kellhom jispiċċaw kien sejjer jitneħħa, kif tneħħa, għalhekk ma kienx hemm l-istess neċessità li jsemmi rogatorji bħala kawża ta' sospensjoni tat-terminu;

Minbarra dan, din il-Qorti, fil-ġurisdizzjoni tagħha plenarja, diġà kellha okkażjoni, almenu tliet darbiet, tammetti l-proċeduri rogatorjali fil-kawżi ta' kompetenza tagħha, non ostanti li ebda dispożizzjoni ma hemm in propożitu (ara "Rex vs. Dalli", 4 ta' Mejju 1916; "Rex vs. Hilson Hall", 28 ta' Mejju 1942; u "Rex vs. Sydney Temme", 1945). Vwoldiri

li din il-Qorti, kolleġjalment komposta, ma ħasset ebda ostakolu mill-fatt tan-nuqqas ta' dispożizzjoni "ad hoc";

Kwantu għall-argument l-ieħor, il-kelma "sommarja", għar-rigward ta' proċeduri quddiem il-Qorti ta' Gudikatura, ma għandhiex *tiġi fraintiża*. Dik il-kelma għandha s-sens ta' dak li, fil-lingwaġġ antik legali, kien jingħad "sine figura sive sine strepitu *judicii*"; vwoldiri illi quddiem dik il-Qorti ma hemmx dik is-solennità ta' proċeduri li hemm quddiem il-Qorti plenarja. Ma *hemmx* att ta' l-akkuża formali, suġġett f'ċerti każijiet għall-annullament, imma hemm ċitazzjoni li hi sempliċi ordni *ta' komparizzjoni*, u li fiha l-enunċjazzjoni tal-fatti ma hix il-bażi essenzjali u assoluta ta' l-inkriminazzjoni, imma *tista' tiġi modifikata*, purkè lill-imputat jingħata żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni mibdula. It-termini huma *aktar brevi*, u d-deċiżjoni, fil-maġġuranza tal-każijiet, tingħata "seduta stante". Imma bl-ebda mod ma għandu jiġi *tollerat il-konċett* li, għax sommarja l-proċedura, allura l-imputat jista' jiġi privat minn prova rilevanti u indispensabbli, bl-allegazzjoni li altrimenti tiġi sagrifikata l-ispeditezza. Mhux dejjem il-Qorti ta' Gudikatura tista' tipproċedi "instanter". Jekk hemm *raġunijiet* tajba għal differiment, u dan id-differiment jinħtieġ fl-interess tal-ġustizzja, allura dan għandu jingħata; ma *għandhiex* tiġi anteposta l-ispeditezza għall-ġustizzja. Dik il-Qorti għandha tipproċedi speditament u sommarjament, *imma* dejjem kompatibilment ma' l-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja;

Anki fi żmien meta d-drittijiet tad-difiża ma kienux hekk *sagrosanti kif inhuma* l-lum, fil-Kodiċi Muniċipali Tagħna tas-seklu XVIII, wara li ntqal "si proceda in tutte le cause *criminali o miste sommariamente*, 'sine figura judicii'.......", il-leġislatur ta' allura kien pront iżid il-kliem "accordandosi bensì *ai rei le convenienti difese*";

Dan kollu apparti l-fatt li llum *il-ġurnata* l-konċett ta' *sommarjetà għandu jiġi konsiderevolment modifikat*, meta wieħed jirrifletti li dari dawn il-Qrati ta' Gudikatura kellhom *kompetenza* kwantu *għall-pieni pekunjarji*, sa £20, u kwantu għall-pieni restrittivi tal-libertà personali, sa tliet xhur; mentri llum *il-ġurnata*, bil-*liġijiet ta' emerġenza*, dik *il-kompetenza*, li kienet ġa ġiet estiża sa sitt xhur, *ġiet maġġjorment* estiża

sa sentejn, u l-multi jistgħu jkunu ta' somom ferm konsiderevoli. F'din il-kawża stess, il-multa nflitta kienet ta' £250;

L-Imħallef sedenti jidhirlu li l-veru aspett tal-kwistjoni hu dan: jekk wieħed jeżamina l-kumpless tad-dispożizzjonijiet dwar xhieda fl-art. 625 et seq. tal-Kodiċi Kriminali, għandu jara illi l-ispirtu tal-liġi hu li r-regola hija fis-sens ta' ammissjoni ta' kull prova testimonjali, salvi l-projbizzjonijiet stabbiliti mil-liġi stess f'dawk l-artikoli;

Għalhekk wieħed ma hux korrett meta jgħid li l-prova rogatorjali ma hix ammessa fil-kawżi quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura għaliex ma hix imsemmija espressament, imma għandu pjuttost jgħid illi dik il-prova hija ammissibbli għax mhix projbita. Dan kien evidentement il-ħsieb tal-President Sir Vincent Frendo Azzopardi, meta fil-kawża "Dalli" qal "nulla si rinviene in tale articolo che manifesti l'intenzione del legislatore di escludere dal suo disposto l'esame dei testimoni fuori dell'Isola". U dan kien il-ħsieb ta' din il-Qorti kolleġjali, meta fiż-żewġ kawżi fuq imsemmija, "Hilson Hall" u "Sydney Temme", ammettiet il-prova permezz tar-rogatorji. Del resto, ma kienx hemm xi bżonn speċjali li l-liġi tgħid b'dispożizzjoni "ad hoc" (kif kien hemm raġuni fil-każ tal-Qorti Istruttorja) illi l-eżami tax-xhieda b'ittri rogatorjali hija permessa; għaliex, wara kollox, din hija prova testimonjali bħall-oħrajn, biss tvarja fil-proċedura għax ix-xhud ma hux produċibili hawn Malta;

Lanqas jista' jingħad li tmur kontra r-regola tas-smiegħ "viva voce"; għax il-fatt stess tar-residenza tax-xhud barra minn Malta jiġġustifika d-deroga għal dik ir-regola, kif iddderogat il-liġi stess fil-każijiet imsemmija fl-art. 642(2) Kap. 12, fosthom il-każ ibidem (7), li fih ix-xhud ikun anki sempliċement ma nstabx, avvolja jkun f'Malta. Ċert hu li l-Qorti ma tistax tippriva lill-imputat minn prova rilevanti u indispensabbli fis-sens premess, meta din il-prova hi waħda li l-liġi proċedurali ġenerali tikkontempla, għalkemm mhux b'dispożizzjoni "ad hoc", fil-każ tal-Qrati ta' Ġudikatura u tal-Qorti Kriminali fis-sede tagħha plenarja. Molto pjù li, in teżi ġenerali, f'din il-materja ta' rogatorji il-prinċipju huwa, kif jidher mill-Powell (On Evidence, p. 668-671), illi, meta t-talba hi tad-"defendant", allura tkun "more favourably regarded";

Għalhekk il-Qorti tiddirimi l-incident billi tammetti t-talba ta' l-imputat għall-provi rogatorjali, u f'dan is-sens tirriforma l-pronunċja appellata, in kwantu hemm bżonn din ir-riforma;

U tordna lill-imputat li, fi żmien għoxrin ġurnata mill-lum, jippreżenta traduzzjoni bil-franċiż ta' l-interrogatorji minnu preżentati, liema traduzzjoni għandha tiġi konfermata bil-ġurament tat-traduttur, u jinnomina r-rappreżentant tiegħu f'dan l-eżami li għandu jsir Tunes. Dan għandu jsir b'nota, li għandha tiġi kommunikata lill-Attorney General. L-Attorney General għandu mbagħad jippreżenta, żmien għoxrin ġurnata mill-kommunika, nota oħra fejn jinnomina r-rappreżentant tiegħu f'Tunes;

Il-Qorti tiddifferixxi l-kawża għad-29 ta' Novembru 1952, sabiex tagħti l-provvedimenti ulterjuri li jkun hemm bżonn.